

## PROCĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI

#### Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5535 – Renesas Technology/NEC Electronics)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/C 263/14)

1. Fis-27 ta' Ottubru 2009 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont it-tifsira tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Renesas Technology Corp. ("Renesas", il-Ġappun), ikkontrollata b'mod konġunt minn Hitachi Ltd. ("Hitachi", il-Ġappun) u Mitsubishi Electric Corporation ("Mitsubishi", il-Ġappun) tidħol f'amalgamazzjoni sħiħa fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill mal-impriża NEC Electronics Corporation ("NEC-EL", il-Ġappun), ikkontrollata minn NEC Corporation ("NEC", il-Ġappun) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Renesas: tfassil, manifattura u bejgħ ta' soluzzjonijiet għal semikondutturi inklużi prodotti ta' mikrokontrolluri, u system-on-chip u LCD drivers għal applikazzjonijiet ta' telefon ċellulari, awtomobilistiċi u awdjo viżivi,
- għal NEC-EL: tfassil, manifattura u bejgħ ta' soluzzjonijiet għas-semikondutturi inklużi mikrokontrolluri, prodotti ta' system-on-chip u LCD drivers għal applikazzjonijiet aħħarija varji, inklużi prodotti awtomobilistiċi, industrijali u elettronika għall-konsumatur.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301 jew 22967244) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5535 – Renesas Technology/NEC Electronics, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.